



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Petizzjonijiet

25.3.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 1232/2009, ippreżentata minn J.L. Ruiz Llames, ta' nazzjonalità Spanjola, dwar allegata diskriminazzjoni mill-kumpaniji ferrovjarji Slovakki**

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jindika li meta kien is-Slovakkja, fejn kien qed jibbenfika minn konċessjoni tal-istudenti, ma kienx jiġi trattat bħall-istudenti Slovakki mill-kumpaniji ferrovjarji Slovakki u mis-servizz tat-trasport muniċipali ta' Bratislava. Huwa jindika li ma kienx intitolat għal tariffej konċessjonarji tal-istudenti minħabba li huwa ma kienx Slovak.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-8 ta' Diċembru 2009. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu (202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fil-25 ta' Marzu 2010.

Il-petizzjoni

Student universitarju ta' nazzjonalità Spanjola, li għandu karta ta' identifikazzjoni tal-istudenti (il-karta internazzjonali ISIC - International Student Identification Card) kien imċaħħad mir-rata mraħħsa għall-istudenti għas-servizz tat-trasport pubbliku fil-belt ta' Bratislava u għat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri fl-istazzjon ta' Bratislava.

Il-kummenti tal-Kummissjoni dwar il-petizzjoni

B'referenza speċifika għat-talba li saret, jidher li r-rata mraħħsa għall-istudenti universitarji

hija disponibbli biss għal dawk l-istudenti li huma rregnistrati f'Università Slovakka.

Il-prassi kummerċjali bħal dik deskritta fil-petizzjoni tista' tikkostitwixxi trattament diskriminatorju tal-passiġġieri abbażi tan-nazzjonaliità (diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq iċ-ċirkostanza li l-istejtus ta' student, li jippermetti r-rata mraħħsa, jiista' jiġi aċċettat biss għal studenti rregnistrati f'universitajiet Slovakki).

Il-mobilità tal-istudenti fl-Unjoni Ewropea hija promossa bit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Artikolu 165), kif interpretata fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u msaħħa bl-azzjoni tal-UE (eż-żejjant, bħas-Sistema Ewropea ta' Trasferiment ta' Kreditu, u programmi bħall-programm Erasmus). L-attenzjoni tal-Kummissjoni kienet inġibdet qabel għal prattiki allegatament diskriminatorji fl-aċċess għal tariffe tat-trasport imraħħsa għal studenti li jiċċa qalqu fi Stati Membri oħra, u hija digħi fetħet tliet proċeduri ta' ksur f'każijiet dwar ksor tad-dritt ta' trattament ugħalli ta' studenti fit-tariffi tat-trasport pubbliku minn pajjiż ospitanti.

Konklużjoni

Il-Kummissjoni għalhekk beħsiebha tinvestiga jekk din hijiex l-iskema ta' tariffi li qed tiġi applikata attwalment u se titlob lill-awtoritajiet Slovakki biex jgħaddulha kull informazzjoni relevanti dwar l-allegata differenza fit-trattament tal-passiġġieri tat-trasport pubbliku b'rabta mal-konċessjoni tar-rata mraħħsa stabbilita għall-istudenti u spjegazzjonijiet dwar ir-raġunijiet li – skont l-istess awtoritajiet kompetenti – jistgħu jiġiustifikaw tali diskriminazzjoni fit-tariffi, u dwar il-proporzjonalità tal-miżuri adottati.

4. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-12 ta' Lulju 2010.

Kif jirriżulta mill-fajl, jingħata roħs lill-istudenti fis-Slovakkja b'rabta mas-servizzi tat-trasport pubbliku, inkluż ferroviji, lill-istudenti kollha li jistudjaw funiversità Slovakka u mhux biss lill-istudenti ta' nazzjonaliità Slovakka.

Il-pożizzjoni tal-Kummissjoni, kif espressa fit-tliet proċeduri ta' ksur miftuħa kontra ċerti Stati Membri, hija li kull Stat Membru għandu jaġhti roħs lill-istudenti b'rabta mas-servizzi tat-trasport pubbliku lill-istudenti kollha mill-Unjoni Ewropea li jkollhom status ta' student fi stabbiliment edukattiv li jinsab f'dan l-Istat Membru.

Għalkemm il-petizzjonant ma jispeċifikax il-kwalità eżatta li kien jinsab fiha fis-Slovakkja, jidher mill-fajl li huwa ma kienx qed jistudja fi stabbiliment edukattiv Slovak.

Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni Ewropea tissuġġerixxi li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jinforma lill-petizzjonant b'dan. Jekk il-petizzjonant jipprovdji provi addizzjonali li juru li tassew kien jattendi università fis-Slovakkja, il-Kummissjoni għandha terġa' tevalwa l-każ-